# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 29 ta' April 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 14/2022 BS**

**George Cini, Joseph Cini, Stephen Cini, Maria Assunta Pace u Rita Mercieca**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi George Cini, Joseph Cini, Stephen Cini, Maria Assunta Pace u Rita Mercieca illi ppremettew:**

ILLI l-atturi George Cini, Joseph Cini, Stephen Cini, Maria Assunta Pace u Rita Mercieca lkoll aħwa Cini jiġu wlied id-defunta Carmela Cini nee' Cini;

ILLI l-imsemmija Carmela Cini nee' Cini u ċjoè omm l-atturi, mietet nhar is-sbatax (17) ta' Diċembru tas-sena elfejn, wieħed u għoxrin (2021) fis-

sagħtejn u għoxrin ta' waranofsinhar (14:20pm) ġewwa l-*Male General Ward*, l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, Victoria, Gozo u dana kif evidenti fiċ-ċertifikat tal-mewt mediku tal-istess liema ċertifikat ġie anness u mmarkat bħala **Dokument A**;

ILLI l-att tal-mewt ta' Carmela Cini ma jistax jiġi reġistrat b'mod korrett għar-raguni illi fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn, wieħed u tletin tas-sena elf disa' mija tlieta u tletin (231/1933), liema certifikat tat-twelid qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument B**, taħt il-kolonna 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur', missier Carmela Cini qiegħed imniżżel bħala 'Pubblio Cini' Żebbuġ Għawdex Malta u mhux bħala 'Giuseppe Cini', Żebbug, Għawdex Malta kif fil-fatt hekk kien jismu.

ILLI missier Carmela Cini u ċjoè n-nannu tal-atturi tul ħajtu kollha dejjem uża l-isem 'Giuseppe' jew 'Joseph' bħala l-isem li bih jiġi msejjaħ u kien magħruf b'dan l-isem mill-familjari tiegħu kif ukoll mill-qraba, ħbieb u konoxxenzi tiegħu. Infatti huwa qatt ma uża l-isem ta' 'Pubblio' għax l-isem tiegħu kien 'Giuseppe'.

ILLI l-isem korrett huwa 'Giuseppe' u dana hekk kif jirriżulta mill-att tat-twelid ta' missier Carmela Cini li jġib in-numru ta' iskrizzjoni mija sebgħa u għoxrin tas-sena elf tmien mija wieħed u disgħin (127/1891) liema att qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument C**, fejn fil-kolonna intitolata 'isem il-wild' hemm imniżżel l-isem 'Giuseppe' u mhux 'Pubblio.'

ILLI l-istess fatt jirriżulta ampjament miċ-ċertifikat tal-magħmudija ta' missier Carmela Cini maħruġ mid-djoċesi ta' Għawdex – Parroċċa Santa Marija Inkurunata, Żebbuġ, Għawdex liema ċertifikat qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument D**, fejn l-isem u l-kunjom ta' missier Carmela Cini huwa indikat bħala 'Joseph Cini' u mhux bħala 'Pubblio Cini'.

ILLI b'żieda ma' dan, fl-att tal-mewt ta' missier Carmela Cini li jġib in-numru erbgħa u erbgħin tas-sena elf disa' mija wieħed u sebgħin (44/1971) u li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument E**, l-isem u l-kunjom fil-kolonna 'isem u kunjom tal-mejjet' huwa dak ta' 'Joseph Cini' u mhux dak ta' 'Pubblio Cini.'

ILLI ċ-ċertifikat tal-mewt ta' missier Carmela Cini, maħruġ mid-djoċesi ta' Għawdex – Parroċċa Santa Marija Inkurunata, Żebbuġ, Għawdex ukoll jindika li l-isem u l-kunjom huwa 'Joseph Cini' u mhux 'Pubblio Cini' liema ċertifikat tal-mewt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument F**.

ILLI l-isem 'Giuseppe' huwa evidenti wkoll mill-att taż-żwieġ ta' missier Carmela Cini u ċjoè n-nannu tal-atturi li jġib in-numru ta' iskrizzjoni ħamsa u tmenin tas-sena elf disa' mija erbgħa u għoxrin (85/1924) li qeigħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument G**, fejn fil-kolonna 'isem u kunjom' hemm imniżżel 'Giuseppe Cini' u mhux 'Pubblio Cini'.

ILLI l-isem ta' missier Carmela Cini jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' Joseph Cini maħruġ mid-Djoċesi ta' Għawdex – Parroċċa Santa Marija Inkurunata, Żebbuġ, Għawdex li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument H** fejn fuq l-istess ċertifikat l-isem u l-kunjom huma indikati bħala dak ta' 'Joseph Cini' u mhux 'Pubblio Cini.'

ILLI l-isem jirriżulta wkoll mill-att ta' żwieġ ta' omm l-atturi u ċjoè ta' Carmela Cini li jġib in-numru ta' iskrizzjoni mija, ħamsa u għoxrin tas-sena elf disa' mija wieħed u sittin (125/1961) u li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument I**, fejn l-isem u kunjom 'Giuseppe Cini' huwa evidenti u mniżżel fil-kolonna tal-'Ġenituri tal-miżżewġin' bħala missier il-mara.

ILLI finalment, fiċ-ċertifikat tal-magħmudija, fiċ-ċertifikat tal-mewt u fiċ-ċertifikat taż-żwieġ kollha ta' Carmela Cini liema ċertifikati huma kollha maħruġin mid-Djoċesi ta' Għawdex – Parroċċa Santa Marija Inkurunata, Żebbuġ, Għawdex l-isem u l-kunjom tal-missier huwa mniżżel bħala dak ta' 'Joseph Cini'. Dawn id-dokumenti qiegħdin jiġu hawn annessi u

mmarkati rispettivament bħala **Dokument J**, **Dokument K** u **Dokument L**.

ILLI għalhekk huwa evidenti li dan huwa żball ċar li però qeigħed iwassal għall-problemi sabiex joħroġ iċ-ċertifikat tal-mewt ta' omm ir-rikorrenti;

ILLI dina l-proċedura qiegħda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Carmela Cini rreġistrat fir-Reħistru Pubbliku Għawdex bin-numru progressiv mitejn, wieħed u tletin tas-sena elf disa' mija tlieta u tletin (231/1933) billi fejn hemm imniżżel ''Isem u Kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur'' għar-rigward tal-missier il-kliem 'Pubblio Cini (Żebbuġ (Għawdex) Malta)' jiġu sostittwiti bil-kliem 'Giuseppe Cini (Żebbuġ (Għawdex) Malta)';

2. Tordna li l-istess korrezzjoni għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dana ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku u bl-inġuzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa huwa inġunt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex illi eċċepixxa:**

1. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti sakemm jipprovdi provi tal-fatti esposti fir-rikors promotur u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors u fid-dokumenti hemm mehmuża;

3. Illi l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress li t-talba tar-rikorrenti mhix attriwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati mill-atturi annessi mar-rikors ġuramentat;

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2022, il-partijiet qablu li din il-kawża setgħet tiġi differita għas-sentenza għas-seduta tal-lum.

**Il-Provi.**

L-atturi jgħidu li huma kollha wlied Carmela Cini li mietet fis-17 ta' Diċembru, 2021. Jisħqu li meta maru sabiex jirreġistraw il-mewt ta' ommhom ġew infurmati illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, missierha kien imniżżel bħala Pubblio Cini. Dan il-fattur kien qed ikun ta' ostakolu għar-reġistrazzjoni tal-mewt ta' ommhom u dan minħabba l-fatt illi missier ommhom ma kienx magħruf bl-isem ta' Pubblio iżda Giuzeppe Cini.

In sostenn ta' dan l-atturi ppreżentaw iċ-ċertifkat tat-twelid tan-nannu matern tagħhom minn fejn jirriżulta li ismu huwa imniżżel bħala Giuseppe u mhux Pubblio[1]. L-isem ta' "Giuseppe" jinsab ukoll fiċ-ċertifkat tal-magħmudija maħruġ mill-Parroċċa ta' Santa Maria Inkurunata, Żebbuġ, Għawdex.

L-istess isem ċjoè dak ta' "Giuseppe" jinsab ukoll fl-att tal-mewt tan-nannu matern, fiċ-ċertifkat tal-mewt u fiċ-ċertifkat taż-żwieġ maħruġa mill-Parroċċa msemmija gia, kif ukoll fl-att taż-żwieġ tiegħu.

L-atturi jgħidu wkoll li miċ-ċertifkat taż-żwieġ ta' ommhom jirriżulta li isem missierha, ċjoè isem nannuhom kien imniżżel bħala "Giuseppe" .

**Ikkunsidrat**

[1] Dok. C anness mar-rikors ġuramentat

Rigward it-talba għall-korrezzjoni fl-isem din it-talba qed issir ai termini tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti d-dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Illi għandu jingħad li l-Artikolu 253 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti, taħt ċerti ċirkostanzi, il-bdil ta' isem ta' persuna.

L-atturi qed jitolbu li jiġi korrett l-att tat-twelid ta' Carmela Cini, li tiġi ommhom, sabiex isem missierha li hu imniżżel bħala "Pubblio Cini", jiġi korrett u sostitwit bl-isem "Giuseppe Cini", u dan peress li missier ommhom, jiġifieri in-nannu matern ma kienx jismu "Pubblio" iżda "Giuseppe".

Illi fil-mertu l-atturi jenħtiġilhom jippruvaw a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li isem in-nannu matern jiġifieri missier ommhom Carmela Cini kien "Giuseppe". Għal dan il-għan, huma esebew serje ta' dokumenti uffiċjali li fihom isem nannuhom matern jinsab imniżżel bħala "Giuseppe".

Tlieta mill-atturi George Cini, Joseph Cini u Maria Assunta Pace, ulied id-defunta Carmel Cini anke xehdu permezz ta' affidavit fejn qalu li lin-nannu tagħhom huma dejjem kienu jafuh bħala "Guzepp". Jgħidu li l-iżball seta' kien riżultat ta' miskommunikazzjoni billi l-att tat-twelid ta' ommhom li fuqu hemm l-iżball kien ġie reġistrat miz-ziju tagħhom Pubblio, li jiġi ħu n-nannu, u għalhekk jista' jagħti l-każ li tniżżel ismu minflok dak ta' nannuhom.

Illi fid-dawl tal-affidavits u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hi tal-fehma li l-atturi rnexxielhom jippruvaw li isem in-nannu matern u ċjoè isem missier ommhom kien effettivament "Giuseppe" u mhux "Pubblio".

Tenut kont ta' dan kollu, u magħdud mal-fatt illi id-Direttur konvenut ma sabx oġġezzjoni għat-talba ta' korrezzjoni u rrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti, din il-Qorti tqis li t-talbiet tal-atturi huma ġustifikati u għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqagħhom.

**Decide.**

Għaldaqstant għar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. **Tilqa l-ewwel talba u tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Carmela Cini rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku Għawdex bin-numru progressiv mitejn, wieħed u tletin tas-sena elf disa' mija tlieta u tletin (231/1933) billi fejn hemm imniżżel "Isem u Kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur" għar-rigward tal-missier il-kliem 'Pubblio Cini (Żebbug (Għawdex) Malta)' jiġu sostittwiti bil-kliem 'Giuseppe Cini (Żebbuġ (Għawdex) Malta)';**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-istess korrezzjoni għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dana ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-atturi in solidum.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur